**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Maġistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M (Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Repubblika**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**DIGRIET**

Illum it-22 ta' Settembru 2022

Il-Qorti rat in-nota ta' l-assocjazzjoni Repubblika datata 15 ta' Settembru 2022.

Filwaqt li tiehu konjizzjoni li l-istess assocjazzjoni intavolat rikors kostituzzjonali l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar dak mistqarr fl-ewwel pagna tan-nota taghha.

VERA KOPJA FOTOSTATIKA
Stephania Calafato Testa
MA.Prob.Serv.(Melit.), B.Psy.(Melit.)
ASSISTENT REGISTRATUR
QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI

1. Illi ebda parti ma ghamlet talba, indirizzata lil din il-Qorti, sabiex jitnizzel xi verbal u dan fl-ebda stadju tal-udjenza; wisq anqas giet michuda tali talba. In vista tal-fatt li l-avukat Azzopardi jghid li beda "ilissen" kliem, **certament**, li ma ntqal xejn li wasal u nstema minn din il-Qorti f'dan is-sens.
2. Illi s-seduta ma ssejhitx b'urgenza izda giet biss rikjamata sabiex il-Qorti twettaq dak li jitlob l-Artikolu 10 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tinforma lill-partijiet bl-ittra anonima li rceviet.
3. Illi l-procedura kienet skedata ghad-9.35am izda hadd mill-partijiet ma talab li l-procedura tissejjah fil-hin indikat lilhom, u minflok l-istess partijiet ta' din il-procedura hallew avukati u partijiet ohra prezenti fl-awla isejjhu l-kawzi taghhom qabel taghhom. B'hekk din il-Qorti thalliet tisma kawzi ohra li kienu ilhom appuntati fil-jum in kwistjoni.
4. Illi waqt l-istess seduta tal-15 ta' Settembru 2022, din il-Qorti kellha bzonn tisosspendi s-seduta ghal ftit minuti sabiex tattendi ghall-impenn iehor relatat max-xoghol. L-awla giet infurmata b'dana u s-seduta giet sospiza ghal ftit minuti. Illi hadd fl-awla, wisq anqas il-Qorti kif presjeduta, ma ghamel xi mossa b'idejh – u lanqas kien hemm ghalfejn ghaliex waqt is-smiegh ta' din il-procedura ma inqala xejn - u wara li s-seduta ssoktat, il-kawzi komplew jinstemghu b'mod regolari ghall-ahhar u minghajr ebda avveniment jew incident.
5. Illi meta s-seduta ssoktat, l-isfidant u r-rapprezentant tieghu kienu hargu mill-awla u ma deherux aktar.

Illi dan id-digriet qed isir sabiex kwalunkwe dikjarazzjonijiet li saru fin-nota tal-15 ta' Settembru 2022 dwar hwejjeg li graw fl-udjenza ikunu kjarifikati fis-shih.

Il-kawza tibqa differita ghas-27 ta' Ottubru 2022 ghall-informazzjoni ulterjuri.

VERA KOPJA FOTOSTATIKA

Stephania Calafato Testa
MA.Prob.Serv.(Melit.), B.Psy.(Melit.)
ASSISTENT REGISTRATUR
QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI (MALTA)

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

VERA KOPJA FOTOSTATIKA

Stephania Calafato Testa
MA.Prob.Serv.(Melit.), B.Psy.(Melit.)
ASSISTENT REGISTRATUR
QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI (MALTA)